Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2010

Numru 1534/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Agius)**

**vs**

**KARMENU CAMILLERI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Karmenu Camilleri ta' 59 sena, iben Karmenu u Angela nee' Spiteri, imwieled Zejtun fl-1 ta' Frar 1948 detentur ta' karta ta' identita nru 0147648M u residenti 'Garden of Eden' Triq il-Falkunier, Zejtun.

Billi gie akkuzat talli nhar it-12 ta’ Novembru 2007 ghall habta tal-04.00hrs, fi triq il-Falkunier, Zejtun volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, billi ghamel hsara fuq vettura tal-marka Mazda bin numru tar-registrazzjoni ABQ 212 liema hsara tiskorri il-hamsin lira izda mhux il-hames mitt lira, ghad-dannu ta’ Grace Busuttil miz-Zejtun, bi ksur tal-art 325 (b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f’kas ta’ htijja, apparti l-piena kkontemplata mil-ligi taplika l-artiklu 383 tal-kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta a favor ta’ Grace Busuttil u l-familjari taghha.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Semghet trattazzjoni.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok. JA3 u nnutat li l-imputat Karmenu Camilleri m’ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Din il-kawza, li tirrigwarda akkuza ta’ hsara volontarja li tinkwadra ruhha fl-artikolu 325(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, hi ippernjata principalment fuq il-versjoni li tat Grace Busuttil u dik kontrastanti li taha l-imputat.

F’dan l-istadju il-Qorti sejra ticcita is-segwenti brani mid-deposizzjoni li tat Grace Busuttil fis-Seduta tal-10 ta’ Lulju, 2008: “Nghid illi fit-tnax (12) ta’ Novembru, elfejn u seba’ (2007), nghid ghal habta ta’ xi bejn l-erbgha (4.00) u l-erbgha u nofs (4.30) ta’ filghodu, kien ghadu fil-fatt ma sebahx sewwa, gewwa Triq il-Falkunier, Zejtun, nghid li l-vettura tieghi ABQ 212 kienet qieghda pparkjata fil-parapett tieghi.” “………………………………………………”

“Jiena kont qieghda fuq rieqda mal-baby tieghi u smajt hsejjes, u smajthom minn gol-gallarija tieghi dawn il-

hsejjes gejjin minn naha tat-triq. Nghid illi dak il-hin jien qomt nittawwal.

Rajt persuna hdejn il-karozza tieghi. Nghid li huwa l-imputat Karmenu Camilleri li qed ngharfu prezenti fl-Awla. Jiena dana rajtu jobroxli l-karozza minn naha tal-bieba tan-naha ta' wara. Nghid illi jiena rajtu li f'idejh kellu xi haga twila qisa xafra u beda jobrox il-karozza tieghi. Nghid li mbaghad nnutajt li dana Karmenu Camilleri tela' 'l fuq fit-triq u ma dahalx id-dar tieghu li qieghda vicin id-dar tieghi. Rajt imbaghad lill-imputat jaqsam it-triq u dahal f'garage tieghu li qieghed faccata tad-dar taghna. Imbaghad rajtu jerga johrog. Innutajt ukoll li mart l-imputat kienet qeghda tistennieh fil-parapett tad-dar taghhom. Nghid illi biex imbaghad imur go daru, l-imputat kellu bil-fors jghaddi minn hdejn il-karozza tieghi u rajtu wkoll jerga jaghmel gest mal-karozza tieghi biex rega girifa, u baqa diehel id-dar."
"..........................................................................................
................................"
"Nghid illi mbaghad meta sebah jiena gbidt ir-ritratti tal-vettura tieghi, u dana gbidthom jien personalment. Liema ritratti qieghda nesebixxi bhala Dok. GBZ 1 u Dok. GBZ 2 u Dok. GBZ 3 rispettivament". "..................................................."

"Qed nigi mistoqsija mill-ufficjal prosekutur jekk jiena dak il-hin meta rajtu, rajt lill-imputat jobroxli l-karozza jiena kellimtux nghid jiena dak il-hin gewwa d-dar kelli t-tarbija tieghi li kienet ghad ghandha xahar u nofs biss u ma azzardajtx immur inkelmu jiena." "......................................................................."
"Nghid illi jiena qatt ma kelli ncidenti ma persuni ohra. L-uniku nkwiet illi hemm huwa ma Karmenu Camilleri u l-familjari tieghu." (Sottolinjar tal-Qorti).

In kontinwazzjoni tad-deposizzjoni l-istess xhud Grace Busuttil, inter alia, qalet: "..........................................................................................
...................................."
"Nghid illi dak inhar, cioe t-tnax (12) ta' Novembru elfejn u sebgha (2007) ghalkemm kien dlam cappa u kienet niezla

x-xita, nghid kien hemm bozza fit-triq tal-gvern u wkoll kien hemm il-bozza ta’ barra tad-dar tieghi li t-tnejn (2) kienu mixghulin. Il-bozza li ghandi jiena qieghda fil-parapett u dina hija bozza qawwija. U din taghti dawl abjad.”

In kontro-ezami, l-istess xhud Grace Busuttil fis-Seduta tas-27 ta’ Ottubru, 2008, inter alia, qalet: “Nghid illi jiena fil-hin li l-imputat gie jobroxli l-karozza, jien kont qieghda fil-gallarija u jiena nikkonferma li jiena lill-imputat rajt.” “.....................................................................................................”
“Nghid jien fil-hin illi l-imputat kien qed jobroxli l-karozza, kont fil-gallarija u fil-gallarija ma hemmx bozza u l-imputat ma setax jarani lili li kont qieghda fil-gallarija.”

L-imputat Karmenu Camilleri fis-Seduta tat-13 ta’ Lulju, 2010, minn jeddu, xehed: “Nghid li ghadha kif inqratli mill-Avukat difensur tieghi l-istqarrija tieghi li hi esebita fl-atti ta’ din il-kawza bhala Dok. JA 6 u jiena nikkonferma l-kontenut kollu ta’ din l-istqarrija. Nixtieq nghid illi jiena nichad illi fit-tnax (12) ta’ Novembru elfejn u sebgha (2007) ghal habta ta’ l-erbgha (4.00) ta’ filghodu gewwa Triq il-Falkunier, Zejtun jien ghamilt xi hsara fuq il-vettura tal-marka Mazda bin-numru tar-registrazzjoni ABQ 212 u nghid li dak il-hin jien kont rieqed. Nghid jiena ma nahdimx u jiena fis-sebgha u nofs (7.30) ta’ fil-ghodu nqum niehu t-te’ u nwassal it-tfal l-iskola mbaghad nintefa gewwa l-garaxx, jiena ma nahdimx. Nixtieq nghid li dina Grace Busuttil hija mqabbda maghna.” (Sottolinjar tal-Qorti).

Huwa evidenti li bejn dak li xehdet Grace Busuttil u dak li xehed l-imputat hemm kuntrast. Izda x-xhieda ta’ xhud wiehed biss, jekk emnut, hija bizzejjed biex tikkostitwixxi prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ikun gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar – (Vide artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali).

Hawn il-Qorti sejra ticcita is-segwenti bran minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne** datata 9 ta’ Lulju, 2003: “mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament

iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux".

Issa din il-Qorti kellha l-opportunita' tevalwa l-imgieba, kondotta u karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xhieda taghhom, u l-Qorti hi tal-fehma li l-versjoni li tat ix-xhud Grace Busuttil barra li hi aktar verosimili hi ukoll aktar veritiera.

Ghaldaqstant il-Qorti, fid-dawl tal-provi prodotti u senjatament tas-suespost, tiddikjara li l-akkuza migjuba kontra l-imputat Karmenu Camilleri tirrizulta sodisfacentement ippruvata.

Rat l-artikolu 325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Karmenu Camilleri hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali tal-imputat u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Karmenu Camilleri ghall-piena ta' sitt (6) xhur prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin millum l-imputat Karmenu Camilleri jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre, il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputat Karmenu Camilleri b'obbligazzjoni personali ta' elf u hames mitt Euro (Euro1500) li jzomm il-kwiet ma' Grace Busuttil ghal zmien sena millum.

Finalment, il-Qorti qed taghti lill-imputat Karmenu Camilleri l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 28A(4) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------